# Xogħlijiet Artistiċi fis-Santwarju tal-Mellieħa

Mario Fenech

Fil-lokalità tal-Mellieħa, id-devozzjoni lejn Sidtna Marija tmur lura għal sekli sħaħ. Xhieda ta' dan huwa s-Santwarju bil-wisq antik li minn dejjem kien post ta' ġabra għal dawk kollha li f'waqtiet ta' diffikultà jew b'ringrazzjament għal xi grazzja maqlugħa resqu bi ħġarhom biex iżuru x-Xbieha Mirakoluża tal-Madonna.

Matul is-snin, dan it-Tempju Marjan ġie mżejjen b'numru ta' kwadri li wħud minnhom jinsabu fuq l-artali li hemm fis-Santwarju. Tlieta minn dawn il-kwadri huma tal-artist Antonio Falzon li għex bejn is-sena 1805 u s-sena 1865.

Falzon twieled fil-Floriana u minn dejjem wera x-xewqa li jkun artist tant li beda t-tagħlim tiegħu għand l-artist magħruf Giuseppe Hyzler. Aktar tard huwa rebaħ borża ta' studju biex mar Ruma fejn kompla t-tagħlim tiegħu għand l-artist Tommaso Minardi. Wara li temm l-istudji tiegħu f'Ruma huwa rritorna lura f'Malta fejn beda jiġi kkummissjonat biex jagħmel diversi xogħlijiet f'għadd ta' knejjes oħrajn tant li ma damx wisq sabiex ġibed l-attenzjoni tal-Kappillan tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien Dun Ġużepp Baldacchino sabiex jagħmel tliet kwadri fuq l-artali tas-Santwarju.

Il-Kappillan Baldacchino kien it-tieni Kappillan tal-Parroċċa tal-Mellieħa. Kien inħatar Kappillan mill-Isqof Mons. Sant u ħa l-pussess tal-Parroċċa nhar il-15 ta' Lulju 1849.

Il-kwadri li għamel Falzon huma ta' Sant'Andrija, ta' San Pawl u tal-Madonna tal-Karmnu. Interessanti l-fatt li dawn it-tliet kwadri kienu saru fis-sena 1853. Din hija l-istess sena li matulha kienet waslet fil-Mellieħa l-istatwa titulari ta' Marija Bambina li ħarġet minn idejn l-iskultur magħruf Pietru Pawl Azzopardi u li kien ħallas għaliha Dun Ġużepp Di Stefano.



*Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu fis-Santwarju*



*Kwadru ta' Sant'Andrija fis-Santwarju*

Jidher li dan il-perjodu kien wieħed tassew tajjeb għall-poplu tal-Mellieħa. Dan għaliex fl-istess żmien, minbarra l-istatwa titulari ta' Marija Bambina, kif ukoll flimkien ma' dawn it-tliet kwadri tal-artist Antonio Falzon, kienu saru wkoll fost l-oħrajn is-Salib tal-Kleru, il-Girandola, il-Pulptu, l-Orgni, kif ukoll tpoġġiet qampiena fil-kampnar li kienet inħadmet fi Franza. Swiet is-somma ta' 1190 skud. L-erba' opri l-oħrajn kienu swew is-somma ta' 1012-il skud.

Dan il-perjodu sabiħ tkompla fis-sena ta' wara meta fis-Santwarju waslet l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li mbagħad aktar tard meta twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju fis-6 ta' Ġunju 1869 bdiet tintuża għall-festa li kienet issir fil-Parroċċa.

Jidher sew li dak iż-żmien is-Santwarju kien miżmum fi stat tajjeb ħafna, tant li meta għamel il-Vista Pastorali tiegħu fir-raħal l-Isqof Gaetano Pace Forno nhar id-9 t'April 1866 huwa sab li s-Santwarju ma kien jonqsu xejn. Għaldaqstant huwa talab li l-pittura tal-Isqfijiet li hemm mad-dawra tal-Altar Maġġur tiġi rrestawrata biex tkun fi stat tajjeb bħall-Opri Sagri l-oħrajn li kien hemm fis-Santwarju.

Aktar tagħrif dwar l-istorja tas-Santwarju tal-Mellieħa fil-ħarġa ta' dan il-ktejjeb tas-sena d-dieħla.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.

BELLA VEDUTA
grocery & confectionery
Mr & Mrs D. Vella

*Bella Veduta*
*Triq ta' Masrija*
*Il-Mellieħa*
*Tel: 21521306*

*delilahvella@hotmail.co.uk*

